# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIELET KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

**Isem : ____________________** **Klassi : ___________**

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultat aħjar.

**GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA:**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

Aqra s-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:



# Għada Min Rah?

Il-ħolm tiegħi sa minn ċkuniti kien mimli vetturi spazjali u dinjiet imbiegħda. Xmux u qmura, kwiekeb u kometi, pjanuri bla tmiem ta' ramel ikħal u ibħra lewn il-ħalib. Robots u aljeni trid seba' għajnejn biex tarahom. *(par. 1)*

Lejl wara lejl kont noħlom bl-avventuri ta' Buck Rogers, karattru li kont sraqt minn komik nofsu mqatta' li kien tani z-ziju Pepp fil-jum tal-Vitorja talli qgħadt aktar kwiet mis-soltu. *(par.2)*

Il-ħolm baqa' persistenti l-aktar wara li bdejt nara films bħal *Star Wars*, *E.T.*, *Alien*, *Independence Day*, *Artificial Intelligence* u *Blade Runner*. Kull film kont inħossni li rajtu qabel, eżatt eżatt kif kont nimmaġinah jien fil-ħolm. U meta tkellimt mal-professur dwar il-biċċa, ma ħasibhiex darbtejn biex ħajjarni nikteb it-teżi għall-Ph.D. dwar l-istorja tal-fantaxjenza fil-ħolm Malti. *(par.3)*

Bl-inkoraġġiment tal-professur ħallejt fil-ġenb ir-realiżmu maġiku tal-kittieba Latini Amerikani u nxtħett b'ruħi u b'ġismi fix-xjenza u l-fantasija. Għalija n-nies assoċjati mal-fantaxjenza kienu n-nies li mhux biss raw għada, imma wkoll pitgħada. U kull darba li n-nanna kienet tgħidli "Għada min rah?", kont pront pront inweġibha: "H.G. Wells u Philip K. Dick". *(par.4)*

Aqra llum u aqra għada, ma domtx wisq ma għamilt l-ewwel skoperta importanti tiegħi. Wara biss ftit ġimgħat ta' riċerka rnexxieli nsib dak li ħadd qatt ma kien basar qabel, la l-professur u lanqas zijuh. Irnexxieli nsib il-provi li konna aħna l-Maltin li ħloqna l-ġeneru tal-fantaxjenza. *(par.5)*

Mhux hekk biss, talli aħna ħloqna dal-ġeneru qabel kull ġeneru ieħor. Saħansitra qabel in-nies ta' Sumer ħolqu l-kitba, aħna konna diġa` nxtħetna b'ruħna u b'ġisimna fil-fantaxjenza. *(par.6)*

Għalkemm għadni rrid insaħħaħ it-teoriji tiegħi, m'hemm l-ebda dubju li kienu l-Maltin l-ewwel li rnexxielhom jitilgħu fil-qamar u jwaqqfu l-ewwel kolonji fuqu. In-nanna Nina taħlef li minn meta kienet żgħira kienet tisma' lil ommha tgħid li missierha minn dejjem kien jgħix fil-qamar! *(par.7)*

Addattament minn kitba ta' C. Miceli li dehret f' *Wotz up*, ta' Settembru 2004.

| **A. FEHIM IT-TEST** | **(10 marki)** |
|---|---|

1. L-awtur, sa minn meta kien joħlom bil-vetturi spazjali u l-bqija? *(par. 1)*

___________________________________________________________ (marka)

2. B'min kien joħlom ta' sikwit? *(par. 2)*

___________________________________________________________ (marka)

3. Għaliex kull film kien iħossu li rah qabel? *(par. 3)*

___________________________________________________________ (marka)

4. Min kienu H. G. Wells u Philip K. Dick? *(par. 4)*

___________________________________________________________ (marka)

5. Xi skopra l-awtur? *(par. 5)*

___________________________________________________________ (marka)

6. Fisser fi kliemek "konna diġa` nxtħetna b'ruħna u b'ġisimna fil-fantaxjenza". *(par. 6)*

_____________________________________________________________

___________________________________________________________ (2 marki)

7. Taħseb illi l-awtur hu konvint li kienu l-Maltin l-ewwel li telgħu fil-qamar? Xi jġagħlek taħseb hekk? *(par. 7)*

_____________________________________________________________

___________________________________________________________ (3 marki)

| **B. GĦARFIEN IL-LINGWA** | **(20 marka)** |
|---|---|

**GRAMMATIKA / MORFOLOĠIJA**

1. Sib mis-silta kif mitlub/a:

   i. nom animat minn *par. 1* : ______________________

   ii. nom determinat minn *par. 2* : ______________________

   iii. nom verbali minn *par. 6* : ______________________

   iv. nom astratt minn *par. 7* : ______________________ (4 marki)

2. Wieġeb kif mitlub/a:

i. id-diminuttiv ta' *ġenb* : ______________________

ii. nom mimmat minn *nara* : ______________________

iii. l-Istat Kostrutt ta' *il-jum tal-Vitorja* : ______________________ (3 marki)

3. L-esklamazzjoni fl-espressjoni *minn dejjem kien jgħix fil-qamar* ! *(par.7)* turi:

(a) stagħġiba _____ ; (b) pawsa _____ ; (ċ) waqfa _____. (marka)

**LESSIKU / VOKABULARJU**

4. Agħti kelma bl-istess tifsira flok:

i. lewn *(par.1)* : _______________

ii. biċċa *(par.3)* : _______________

iii. inweġibha *(par.4)* : _______________ (3 marki)

5. Sib il-kelma mis-silta li tfisser:

i. b'rabta ma' *(par.4)* : _______________

ii. sejba *(par.5)* : _______________

iii. tiftix *(par.5)* : _______________ (3 marki)

**ANALIŻI TESTWALI**

6. *ma ħasibhiex darbtejn* *(par.3)* turi: (a) ċertezza ___, (b) inċertezza ___, (ċ) dubju ___ (marka)

7. "*Mhux hekk biss,* talli aħna ħloqna dal-ġeneru qabel kull ġeneru ieħor." *(par.6)*
Għal xiex qed tirreferi l-frażi miktuba korsiv?

____________________________________________________________ (2 marki)

**SINTASSI**

8. *"Għada min rah?", qalet in-nanna.* Din is-sentenza hi :

(a) diskors dirett _____ jew (b) diskors indirett _____ ? (marka)

9. Aqleb is-sentenza li ġejja f'diskors dirett: (2 marki)

*In-nanna qalet li kienet tisma' lil ommha tgħid illi missierha minn dejjem kien jgħix fil-qamar!*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (4 marki)

1. Fisser l-idjoma miktuba korsiv:

Ruth *rasha marbuta* wisq ma' l-imgħoddi.

______________________________________________________________ (2 marki)

2. Kompli b'qawl mit-taqsima **Xorti u Fidi**: (2 marki)

Ta' tifel innoċenti li hu, Daniel staqsa lil ommu, "Ma, min jaf x'inhu ġej?", u ommu pront pront weġbitu:

______________________________________________________________________

## D. MALTI KOMUNIKATTIV (8 marki)

Agħżel **waħda** minn **a** u **b**. Ikteb madwar **50** kelma:

a. Min jaf kemm tqatta' ħin tammira l-kwiekeb u l-pjaneti permezz tat-teleskopju? Issa ddeċidejt li tħajjar żgħażagħ oħra biex jissieħbu miegħek f'għaqda. Ikteb **avviż** ta' l-ewwel laqgħa biex jidher fir-rivista tal-Kunsill Lokali.

***Jew***

b. Int taħdem bħala segretarju/a ma' aġenzija ta' l-ivvjaġġar li, għall-ewwel darba, ser torganizza ġita għall-pjaneta Mars. Agħmel **riklam** għal din il-ġita.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

| E. TIFTIX / TRAWWIM KULTURALI | (8 marki) |
|---|---|

Ikteb dwar xi aspetti tal-proġett ***Idea ta' Lingwa*** li għamilt tiftix dwarhom din is-sena:

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

| F. LETTERATURA | (30 marka) |
|---|---|

**(i) Stejjer Għal Qabel Jidlam**

Wieġeb **a** jew **b**. Ikteb madwar **60** kelma:

a. Bertu għex minn tfulitu mal-baħar. Ikkummenta.

***Jew***

b. Filomena kienet dejjem tbaxxi rasha għal dak li jgħid żewġha. Ikkummenta.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (6 marki)

**(ii) Stejjer taċ-Ċarrut**

Wieġeb **a** jew **b**. Ikteb madwar **60** kelma:

a. X'nistgħu nitgħallmu mill-istorja *Għeluq snin Luca* ?

***Jew***

b. Meta jibdew il-problemi għandna niffaċċjawhom. X'għamel Willie ?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

_____________________________________________________________ (6 marki)

**(iii) Jinqabad bid-Drogi**

Agħżel it-tweġiba t-tajba:

a. Ċinzja lanqas kien għad kellha (ħmistax, sittax, sbatax) –il sena meta kienet diġà telqet mid-dar.

b. Issa, ommha Ewkarja qed (taħrabha, tgħajjarha, tfittixha).

ċ. Helen kienet tgħix bl-imħabba (vera, tal-biċċiet, tal-ħrejjef).

d. Helen issa tixtieq li għall-ewwel darba f'ħajjitha jkollha nies li tista' ssejħilhom (familja, ħbieb, għedewwa).

e. Martin u Simon ir-Raggae kienu (aħwa, kuġini, ħbieb).

f. It-tnejn li huma kienu vittmi (tal-gwerra, tad-droga, ta' maltempata). (6 marki)

**(iv) Nadriet 3**

Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a:

a. Il-poeżija *Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti* hi dwar (karattru, ambjent, sitwazzjoni). (marka)

b. Liema hi l-aktar konsonanti li tispikka f'*Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti*? _______ (marka)

ċ. "Ġibuli r-rand, ir-rand li jħaddar dejjem,
ħa nqiegħed żewġ rimjiet bl-ilma xebgħana
dwar ir-ras taż-żagħżugħ poeta tagħna."

Min qiegħed jitkellem f'din l-istrofa u dwar min?

_______________________________________________________ (2 marki)

c. Fil-poeżija *Qasba*, M. Azzopardi jqabbel il-qasba ma' __________ filwaqt illi ż-żerriegħa jqabbilha ma' ___________________________________. (2 marki)

**(v) Aktar Nadriet Poetiċi**

Agħżel **poeżija** minn hawn taħt u agħti **taqsira** tagħha. Ikteb madwar **60** kelma:

| |
|---|
| *Fis-Skiet* – Carmel Calleja; *Matul is-Snin tal-Ħajja* – Ġużè Chetcuti; *Jekk Baħar Int Għalija* – Carmel G. Cauchi; *Raqdet il-Belt* – Lilian Sciberras; *Fuq Palm il-Ħbiberija* – Philip Sciberras; *Iż-Żgħożija* – Charles Flores; *Fjura tas-Sur* – Mario F. Bezzina; *Ħabbata* – Marjanu Vella. |

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (6 marki)

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel wieħed u ikteb madwar **300** kelma fuq karta separata:

1. Ngħix fuq wiċċ il-qamar.
2. Meta rajt aljen/a.
3. Irrakkonta l-ġrajja ta' ktieb li qrajt jew film li rajt.
4. Kieku kelli nfassal l-għaxar snin ta' ħajti li ġejjin.
5. Pajjiż li nixtieq inżur.
6. Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' l-esplorazzjoni fl-ispazju.